MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 268/2003

**Cassar & Schembri Co Ltd**

**Vs**

**Philip Sultana u Martin Cilia La Corte**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-14 ta’ Marzu 2003, l-attrici ppremettiet li:

Hi proprjetarja u tiggestixxi supermarket li jismu St. Thomas Supermarket f’Marsaskala.

Il-konvenut Philip Sultana kien impjegat ma' l-istess socjeta' attrici ghal dawn l-ahhar snin.

Matul l–impjieg tieghu, partikolarment matul s-snin 2000 u 2001, l-istess konvenut Sultana seraq kwantita' ta' merca u oggetti mis-supermarket tas-socjeta attrici.

F'komplicita' mal-konvenut Philip Sultana, il-konvenut l-iehor Martin Cilia La Corte ta l-ghajnuna tieghu lil Philip Sultana u/jew assistih b'kwalunkwe mod iehor u inoltre accetta u laqa', jew ippermetta li jigu accettati u milqugha ghandu l-istess oggetti misruqa.

Minhabba dan l-agir illegali, abbuziv u kriminali tal-konvenuti jew min minnhom, is-socjeta' attrici soffriet telf sostanzjali;

Ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex iroddu lura l-oggetti misruqa mis-supermarket tas-socjeta attrici, jew sabiex ihallsu l-ammont ekwivalenti ghall-prezz tal-istess, il-konvenuti jew min minnhom baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u necessarja:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom responsabbli ghat-telf sostanzjali li gie soffert mis-socjeta' attrici u dan stante l-agir illegali u abbusiv taghhom.
2. Tillikwida t-telf li gie soffert mis-socjeta' attrici f'somma li tista tigi likwidata okkorendo bl-operat ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom, ihallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta minnhom in linea ta' telf kif fuq imsemmi.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati Lulju, 2002 kontra l-istess konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

**<u>Risposta ta' Philip Sultana (ID 238877M)</u>**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma :

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *rationae valoris.*
2. ILLI preliminarjament, in-nullita' tac-citazzjoni stante illi ma fihiex il-lista tax-xhieda a tenur ta' artikolu (qabel l-emendi) 156.4 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni kif esperita hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm il-darba l-esponent jinstab hati u 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kemm il-darba l-esponent jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu fil-kaz kriminali li presenzjalment qed jinstema quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).
4. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost it-telf li sofra l-attur jekk jirrizulta ma huwiex imputabbli ghalih l-esponent.
5. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponent qatt ma seraq xejn u ghalhekk qatt ma kkawza danni.

**<u>Risposta guramentata ta' Martin Cilia La Corte (ID 249964M)</u>**

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi stante illi l-istess citazzjoni ma fijiex il-lista tax-xhieda a tenur ta' l- artikolu 156(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet antecedenti ghall-emendi ta' l-Att XXII tas-sena 2005.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' attrici huma ma' soffriet l-ebda danni u f'kaz li sofriet xi danni dawn mhumiex imputabbli lill- konvenut eccipjenti.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenut eccipjenti stante li s-socjeta' attrici rkuprat ir-*res furtiva* kollha fil-pussess tal-konvenut eccipjenti u kwindi gia giet rikompensata ghal kwalsiasi danni li setghet

soffriet u ghalhekk l-esponent ma ghandux jinzamm responsabbli ghal danni kawzati minn terzi.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija wahda frivola u vessatorja u intiza unikament sabiex iddejjaq u timmolesta lil konvenut eccipjenti in vista ta' pendenzi ohra ta' natura civili ezistenti bejn il-partijiet.
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jirrizulta fil- mori ta' dawn il-proceduri l-konvenut eccipjenti ma ghandux ibghati l-ispejjez tal-proceduri de quo.

Il-qorti rat l-atti kollha.

Il-kaz jitratta dwar allegat serq ta' merkanzija mill-hanut St. Thomas Supermarket, Wied il-Ghajn minn Philip Sultana. Dan kien impjegat tas-socjeta attrici li tallega li l-konvenut l-iehor kien xtara merkanzija minghand Sultana.

Fl-ewwel lok il-qorti ser tqies l-eccezzjonijiet preliminari u wara tghaddi biex tikkunsidra l-kaz fil-meritu.

**Kompetenza *ratione valoris*.**

Permezz tat-tieni talba tac-citazzjoni l-attrici qeghda titlob lill-qorti sabiex tillikwida t-telf li sofriet. Din l-eccezzjoni hi minghajr bazi gialadarba jirrizulta li l-kumpannija attrici qeghda tippretendi hlas ta' 212,378.29, telf li ssostni li sofriet minhabba serq ta' merkanzija u flus (ara nota tal-kumpannija attrici a fol. 64). Hu minnu li *"il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut"* (Vol. XXV.ii.454). Madankollu iktar 'il quddiem il-qorti ser tikkunsidra jekk il-pretensjoni tal-kumpannija attrici ghall-hlas tas-somma fuq imsemmija hijiex flokha. Certament li materja bhal din taqa' barra l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Artikolu 47 tal-Kap. 12).

Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

**Nullita' tac-citazzjoni minhabba li ma fihiex lista tax-xhieda.**

Hu minnu li mac-citazzjoni m'hemmx il-lista tax-xhieda. Dan in-nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni izda suppost ghall-konsegwenza li l-attur ma jkunx jista' jressaq ebda xhud (Artikolu 156 tal-Kap. 12).

Madankollu b'digriet tas-26 ta' Gunju 2003 (fol. 4) il-qorti ordnat lill-kumpannija attrici sabiex:

*"b'nota tghid min huma, b'isimhom u mhux b'riferenza generika, ix-xhieda li trid tressaq tghid fid-dettal u mhux b'mod generiku xi prova trid taghmel b'kull xhud, billi telenka wiehed wiehed il-fatti li trid taghmel il-prova taghhom; u tghid min mix-xiehda jistghu jixhdu b'affidavit."*.

B'nota prezentata fis-17 ta' Lulju 2003 sar dan l-ezercizzju (fol. 5).

Mill-atti jirrizulta li kien biss il-konvenut La Corte li fl-10 ta' Gunju 2008 ipprezenta rikors (fol. 160) fejn talab li l-qorti tiddeciedi din l-eccezzjoni. Mill-atti ma jirrizultax li l-qorti tat xi provvediment. In vista tal-fatt li l-provi nstemghu kollha u llum qeghda tinghata s-sentenza, m'hemmx lok li jinghata xi provvediment.

Ma jirrizultax li fis-seduta li fihom nstemghu xhieda li ressqet l-attrici, giet registrata xi oggezzjoni mill-konvenuti. Anzi jirrizulta li sar ukoll kontro-ezami.

Ghalhekk l-eccezzjoni ta' nullita' ser tigi michuda.

**<u>Preskrizzjoni skond l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili</u>**.

M'hemmx dubju li l-preskrizzjoni li tapplika f'dan il-kaz hi dik kontemplata fl-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili. L-attrici tallega li Philip Sultana seraq minghandha. L-agir tieghu jikkwalifika bhala reat kontinwat (Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali). Skond l-Artikolu 691 tal-Kodici Kriminali, ghar-reati kontinwati z-zmien tal-preskrizzjoni jibda *"mill-jum li fih issir l-ahhar ksur tal-ligi."*.

Mill-provi rrizulta li l-agir li qieghed jigi mputat lill-konvenut Sultana hu serq li ma kompliex meta gie tterminat l-impjieg tieghu f'Mejju 2002. Il-kawza giet prezentata fl-14 ta' Marzu 2003. M'hemmx dubju li r-reat ta' serq tal-eluf ta' liri kif tallega l-attrici jgieb piena li teccedi bil-bosta l-perjodu li ghadda mid-data tat-terminazzjoni ta' impjieg ta' Sultana sakemm giet prezentata l-kawza (ara Artikoli 279 u 688 tal-Kodici Kriminali).

**Responsabbilta'**.

Wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li:-

i. Philip Sultana kien hati ta' serq mill-hanut fuq imsemmi. Ghalkemm hu dejjem cahad l-involviment tieghu, il-qorti tqies li huma rilevanti dak li xehedu:-

(a) **Martin Cilia La Corte** li spjega l-arrangament li kellu ma' Philip Sultana sabiex jixtri minghandu oggetti li kien jisraq minghand il-kumpannija attrici. Mill-atti l-qorti ma sabet l-ebda raguni li setghet wasslet lil Cilia La Corte biex jigdeb fuq Philip Sultana u jaghti verzjoni tal-fatti li timplikah f'serq.

(b) **Marco Borg** li qal li ta' spiss kien jara lil Martin Cilia La Corte jitkellem mal-konvenut Sultana. Qal ukoll: *"Niftakar episodju fejn Martin Cilia La Corte kien gie jiehu xi salami ta' barra mill-counter fejn kont jien. Kien hemm ukoll Philip Sultana li qalli sabiex lil Cilia La Corte inzommlu ftit flus u li jifdal niccargja lill-haddiehor. Izda jiena ghidtlu li dawn l-affarijiet ma naghmilhomx. Minn dakinhar 'l hemm Martin Cilia La Corte ma regax gie jixtri minghandna. Wara dan l-episodju jiena kont iktar bdejt nissuspetta."* (fol. 16). Sultana ma ressaq l-ebda raguni ghalfejn din il-qorti ghandha tiskarta dak li xehed Marco Borg. Dan il-konvenut ipprova jaghti l-impressjoni li lil Cilia La Corte kien jafu biss bhala klijent li jmur jixtri mill-hanut u sahansitra qal: *"Qatt ma kelli kunfidenza mieghu dan il-bniedem jiena"* (seduta 6 ta' Lulju 2007 – **Pulizija vs Philip Sultana**). Din il-qorti taqbel perfettament mar-ragunament li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-

sentenza tas-16 ta’ Settembru 2009: *“Jekk, kif qal l-appellant, qatt ma tkellem ma’ Cilia La Corte, x’wasslu biex jaghmel dik il-proposizzjoni lil Marco Borg ? Bniedem li ma tafux u m’ghandekx kunfidenza mieghu ma tmurx taghmel proposizzjoni bhal dik li semma Marco Borg.”* (fol. 438).

F’dan ix-xenarju l-qorti tqies ukoll rilevanti ‘l fatt li Sultana kien diga’ snin qabel inqabad jisraq merkanzija mill-hanut u Claudio Cassar, direttur tal-kumpannija, kien hafirlu u rega’ mpjegah.

ii. M’hemmx dubju li Martin Cilia La Corte kien komplici u hu nnifsu hati tar-reat ta’ ricettazzjoni. Fil-fatt:-

(a) Fi stqarrija li ta lill-pulizija fl-1 ta’ Gunju 2002 qal: *“Jiena ilni naf lil Philip Sultana illi jahdem f’dan il-hanut xi hames snin. Xi sena ilu kien avvicinani u staqsa jekk irridx nixtri xi xorb minghandu. Jien dak il-hin ghidtlu ‘mhux xorta’. Dan ghaliex kien ha jtihomli bl-irhis. Ma kienx hemm prezz stipulat izda gieli ta’ tnax il-flixkun kont intih qisu Lm20 jew hamsa u ghoxrin lira. Hu ghalih kien xorta ghax kien qed igibhom b’xejn. Philip kien johrog xi kaxxi mimlija bl-oggetti fuq wara tal-hanut ftit il-boghod mill-bieb u jhallihomli hemm. Jien kont nghaddi minn hemm x’hin narah diehel gewwa ghax kont inkun naf illi hallili l-kaxxi mimlija. Dawn l-oggetti li kienu jkunu fil-kaxxi kien igibhom mill-istock tal-hanut fejn hu jahdem bhala shop assistant. Din il-bicca xoghol ilha sejra ghal dawn l-ahhar sena u konna naghmluha qisu darba kull xahar….. Jiena qatt ma bieghejt oggetti li akkwistajt b’dan il-mod lil nies ohra u ridthom biss ghal uzu perosnali.”* (fol. 143).

(b) fi proceduri kriminali li ttiehdu kontrih (**Il-Pulizija (Spettur Helga Debono) vs Martin Cilia La Corte**), fost’affarijiet ohra gie akkuzat li kien laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa. Cilia La Corte kien ammetta u nstab hati ta’ din l-akkuza u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat fi zmien tlett (3) snin (sentenza tal-10 ta’ Settembru 2003 – fol. 152).

Fil-fehma tal-qorti l-ammissjoni hi prova nkonfutabbli li Cilia La Corte hu responsabbli ghad-danni li gew ikkagunati lill-attrici. Sahanstira wara tfittxija li kien saret fir-residenza tieghu, instabu wkoll oggetti li kienu nsterqu mill-hanut. F'dan il-kuntest issir ukoll riferenza ghax-xorb alkoholiku li kien gie elevat minghandu (fol. 115-118) u l-istqarrija li ta lill-pulizija (fol. 121-122).

Ovvjament dan ma jfissirx li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li qeghda tippretendi l-attrici.

**<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>**.

Tibqa' l-kwistjoni dwar id-danni li tippretendi l-attrici. F'ittra datata 18 ta' Gunju 2002 d-ditta tal-awdituri DFK Malta baghatet tgharraf lill-attrici li matul l-audits mill-1995 sal-2001 *"…we found that the company had repetitive cash and/or stock shortages. In our opinion these cannot be identified to any one source but mainly may result from:*

*1) Minor thefts by customers.*
*2) Staff misappropriation of cash mainly by non-punching of sales and the retention of cash paid by customers.*
*3) Stocks misappropriation by staff e.g.*

*(a) direct stock thefts*
*(b) collaboration with third parties by accepting payment and punching a small number of items when customer presents himself at the cash counter (i.e. punching less items than those purchased).*

*Both 3(a) and 3(b) have taken place and at least three persons involved, two of whom have been reported to the police.*

*May we remind you that we have been drawing your attention to the discrepancies and in fact the accounts for 1999, 2000 and 2001 were only finalised in May 2002. This because we continued to emphasize that you were to trace the source/reasons for the discrepancies."* (fol. 101).

Skond l-istess ittra t-telf ghal:

- Qabel l-1999 kien ta' Lm45,396.
- 1999 kien ta' Lm18,152.
- 2000 kien ta' Lm18,132.
- 2001 kien ta' Lm9,494.

B'hekk it-total ta' telf hu ta' Lm91,174 li l-attrici qeghda tippretendi minghand il-konvenuti *in solidum*.

Jinghad ukoll li *"The figures above are stated as estimate since in the absence of proper stock and cash control systems we cannot quantify the exact amount."*.
F'dan il-kuntest il-qorti tosserva li:-

i) Ma nghatatx spjegazzjoni tal-*workings* li saru sabiex giet likwidata s-somma ta' Lm45,396 ghas-snin ta' qabel l-1999. Lanqas m'hemm taghrif jekk dan in-nuqqas kienx fir-rigward ta' merkanzija jew flus u ghal liema snin jirreferu. Meta Emanuel Farrugia gie mistoqsi mill-qorti: *"Imma nista' nifhem jien meta qed tghidli pre 1999 qed tirreferi minn 1995 sa 1998 jew le ?"*, wiegeb: *"Bl-amment ma nafx"* (fol. 195). Inoltre m'hemmx prova li ghal dak il-perjodu kienet qeghda ssir xi rizerva fl-*audited accounts*. Emanuel Farrugia, ufficjal tad-ditta ta' awdituri DFK Malta xehed: *"**<u>U fin-1998 u 1999 u 2000 bdejna nindunaw</u>** ahna li qed ikun hemm diskrepanza fl-istocks tal-kumpannija. Fil-fatt ghal 4 snin shah ahna l-accounts ma ridniex niffirmawhom qabel jkollna konferma jew minghand l-owner illi jaf x'gara minnhom dawn l-istocks jew nikkwalifikaw l-accounts li qed ikun hemm diskrepanza ta' Lm20,000 jew 19 jew 18 dak l-ilma."* (seduta tas-27 ta' April 2007 atti proceduri kriminali **Pulizija vs Philip Sultana**) (enfazi tal-qorti). Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni l-qorti tibqa' ma tifhimx kif ghas-snin qabel l-1999 tissemma cifra ta' Lm45,396. Inoltre jigi osservat ukoll li ghalkemm ix-xhud semma 1998, fl-ittra tal-24 ta' Ottubru 2003 mibghuta minn DFK Malta jinghad li fl-1998 *"….no stock take was carried out."*. Ma giex

spjegat kif fis-sena 1998 instabet merkanzija nieqsa, kif xehed Emanuel Farrugia, meta ma sarx *stock taking*.

ii) Il-konvenut Sultana ma kienx jahdem bhala kaxxier. Dan ‘il fatt iwassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-probabilita’ hi li dan il-konvenut ma kienx qed jisraq flus. Fl-ittra tat-18 ta’ Gunju 2002 jinghad li fir-rigward tas-sena 1999 is-somma ta’ Lm18,152 tirreferi ghal *cash shortages*. F’ittra ohra datata 24 ta’ Ottubru 2003 mibghuta mill-istess ditta ta’ awdituri lill-attrici (ara atti tal-proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontra Philip Sultana) jinghad: *“In 1999 we did not trace any stock shortages but the company had cash shortages of Lm18,152.”* (Dok. EF). Hemm dikjarat ukoll li *cash shortages* ghas-sena 2000 kienu ta’ Lm3,368 u Lm5,006 ghas-sena 2001.

iii) Taraha stramba kif minkejja l-ittra datata 18 ta’ Gunju 2002 li ntbghatet mill-awdituri, permezz ta’ rikors prezentat fl-1 ta’ Ottubru 2002 l-attrici talbet il-hrug ta’ mandat ta’ qbid (fol. 48) kontra Cilia La Corte ghas-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000). Jekk l-attrici kienet konvinta li Cilia La Corte kien komplici ta’ Sultana, kif illimitat ruhha biex titlob il-hrug ta’ mandat ta’ qbid ghas-somma mizera ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) minghand Cilia La Corte (ara fol. 418) ? Fl-atti m’hemmx twegiba. Ghalkemm ‘il fatt li ddikjarat somma ta’ Lm1,000 ma jfissirx li b’daqshekk kienet qeghda tirrinunzja ghad-dritt li titlob ammont ikbar, min-naha l-ohra fil-kors tas-smiegh tal-provi ma tat l-ebda raguni ghal din id-diskrepanza.

iv) Filwaqt li Claudio Cassar xehed li l-merkanzija kienet tinsteraq mill-istore[1], l-Ispettur Helga Debono li nvestigat il-kaz xehedet li Cassar kien qalilha li l-merkanzija nsterqet minn fuq l-ixkafef (fol. 505). Ziedet tghid: *“Hemmhekk kont staqsejtu ‘Isma’ tista’ tghid imma fil-fatt illi kien l-impjegat Philip Sultana illi hadhom jew le ?’ Ghidtlu ‘Jista’ jkun per ezempju jidhlu xi nies biex jixtru u jehduhom ?’ Qalli ‘Jista’ jkun iva hu’.”*.

v) Fl-audited accounts tal-1999 jinghad: *“The company has suffered losses of Lm18,152 (prior years – Lm45,396) from cash and stock shortages. The directors traced the main source to a* ***number of employees****. The matter is*

[1] *"Il-bicca l-kbira li nsterqet mill-istore tal-hanut il-kbir, minn hemm biss jigifieri."* (fol. 209).

*now being investigated by the police."* (enfazi tal-qorti - fol. 67). Ghalhekk skond id-dikjarazzjoni li saret mill-awdituri, kien hemm iktar minn impjegat wiehed involut. Madankollu jidher li l-attrici qeghda tippretendi li l-konvenut Sultana hu responsabbli ghat-telf kollu.

Wara li l-qorti qieset il-provi tikkonkludi li:-

i. M'hijiex konvinta li Cilia La Corte ghandu jigi kkundannat ihallas xi somma flus. Mill-provi rrizulta li l-pulizija gabret minghand dan il-konvenut merkanzija li nstabet ghandu. Mill-bidunett tal-indagni li ghamlet il-pulizija rrizulta kif dan il-konvenut ammetta l-involviment tieghu u kkopera fl-indagni. F'dan ix-xenarju l-qorti tqies li m'ghandix raguni ghalfejn m'ghandix temmnu meta fl-istqarrija li ta lill-pulizija qal: *"L-affarijiet li sabu l-pulizija huma dawk kollha li hallieli Philip wara l-bieb tal-hanut. Jien ma ddisponejtx minn l-ebda oggett li gibt minn din l-attivita. Jien responsabbli biss ta li sabuli l-pulizija. X'ghamel Philip b'oggetti ohra li setgha ha, ma nafx bihom u ma jinteressaniex. Jiena ma nafx jekk Philip kien ibiegh minn dawn l-oggetti lil haddiehor ghax qatt ma gie d-diskors fuq hekk"* (fol. 144). Ghalkemm hu kellu arrangament mal-konvenut l-iehor li jixtri minghandu merkanzija li Sultana kien qieghed jisraq minghand il-kumpannija attrici, il-qorti temmen il-verzjoni ta' Cilia La Corte. Konkluzjoni li l-qorti temmen meta tqies li:-

a. Kien hemm koperazzjoni.
b. Fid-drabi li xehed ma kienx inkonsistenti.

ii. Ma temminx il-verzjoni li ta Philip Sultana. Dan il-konvenut liberament u intenzjonalment ghazel li ma jghidx il-verita' u sal-ahhar baqa' b'din il-posizzjoni. F'dan ix-xenarju l-qorti ma temmen xejn minn dak li qal u anzi hi moralment konvinta li seraq hafna iktar merkanzija minn din li nstabet fil-pussess ta' Cilia La Corte. Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2009 gie verbalizzat: *"Il-qorti billi x-xhieda tal-konvenut Philip Sultana u dik tal-konvenut Martin Cilia La Corte huma inkompatibbli ma' xulxin b'mod li xi wiehed minnhom bilfors qed jixhed il-falz, wissiethom dwar il-*

*konsegwenzi ta' xhieda falza bil-gurament u stidnithom jerghhu jqisu x-xhieda taghhom biex min minnhom xehed hazin, jiehu lura x-xhieda tieghu."* (fol. 347). Il-kawza giet differita ghall-gurnata ta' wara meta gie dikjarat: *"Il-konvenuti tennew il-verzjoni taghhom u baqghu izommuha wkoll wara li l-qorti wissiethom dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza bil-gurament"*. Ghalhekk f'dak li qal Sultana ma jistax jitwemmen. Rilevanti wkoll li wara li gie tterminat l-impjieg ta' Sultana, *"mill-ewwel deher illi d-diskrepanzi waqfu."* (Emanuel Farrugia seduta tal-25 ta' Novembru 2008 – fol. 174). Fil-fatt irrizulta wkoll kif hu kien l-impjegat li kellu access ghall-mahzen fejn kien ikun hemm il-merkanzija.

Hu veru, kif argumenta Sultana fin-nota ta' sottomissjonijiet, li fil-proceduri kriminali gie akkuzat li seraq oggetti b'valur ta' mhux iktar minn Lm300. Hu minnu wkoll li fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2009 il-Qorti tal-Magistrati osservat li *"qatt ma gie ppruvat sal-grad li trid il-Ligi, li l-agent ta' dan it-telf kien l-imputat Sultana."*. B'daqshekk ma jfissirx li fir-realta' l-valur ta' merkanzija li seraq Sultana ma kienx iktar minn Lm300. Li ma jsemmix hu li:-

i. Il-proceduri kriminali huma indipendenti minn dawk civili.
ii. Il-grad tal-prova fiz-zewg proceduri hu differenti.
iii. L-akkuza fil-process kriminali kienet limitata ghal serq li sar bejn Frar, Marzu, April, u Mejju tas-sena 2002.

Wara li l-qorti kkunsidrat:-

(a) L-istima li saret mid-ditta ta' awdituri DFK Malta;
(b) Il-figuri li ssemmew mid-ditta tal-awdituri DFK Malta huma *"…. as estimated since **in the absence of proper stock and cash control systems** we cannot quantify the exact amount"* (fol. 101 – enfazi tal-qorti). Fl-audited accounts stess per ezempju tas-sena 1999 jinghad: *"The company's internal control system is inadequate resulting in other losses as disclosed in note 3. The company did not maintain adequate stock records and we had to rely*

*on a stock valuation carried out by the company."* (fol. 23). L-istess jinghad ghas-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2001 (fol. 41 u 39).
(c) Mill-provi rrizulta li kien hemm kazijiet ohra ta' persuni li nqabdu jisirqu oggetti mill-hanut. Hemm ukoll ir-ragunijiet l-ohra li jissemmew fl-ittra tal-awdituri datata 18 ta' Gunju 2002 (fol. 100);
(d) Fuq bazi ta' probabilita' jkun hemm merkanzija li tnehhiet minhabba li l-*expiry date* tkun skadiet;
(e) Il-pulizija sabu merkanzija li kienet inbieghet mill-konvenut Sultana lill-konvenut l-iehor. Ghalhekk dawn l-oggetti kellhom jinghataw lura lill-kumpannija attrici;
qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u hamsa u tletin ewro (18,635) a bazi tal-istimi li saru minn DFK Malta. Ghar-ragunijiet li ssemmew hawn fuq m'humiex jigu likwidati danni ghas-snin qabel is-sena 2000.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi –**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Cilia La Corte u t-tieni eccezzjoni ta' Sultana, bl-ispejjez kontra taghhom.**
**2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' Cilia La Corte limitatament fis-sens li d-danni li sofriet l-attrici m'humiex imputabbli lil dan il-konvenut minhabba dak li nghad hawn fuq. Ghalhekk tichad it-talbiet tal-attrici in kwantu dawn huma ndirizzati fil-konfront ta' dan il-konvenut.**
**3. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Sultana bl-ispejjez kontra tieghu.**
**4. Tichad it-tielet eccezzjoni ta' Sultana bl-ispejjez kontra tieghu.**
**5. Fil-meritu tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet ta' Sultana u tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attrici. Tillikwida s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u hamsa u tletin ewro (18,635) bhala danni, u tikkundanna lil Philip Sultana sabiex ihallas din is-somma lill-kumpannija attrici bl-imghax mil-lum.**

**Salv ghal dak li jinghad hawn fuq dwar l-ispejjez, il-kumpannija attrici ghandha thallas l-ispejjez ta' Martin Cilia La Corte. Il-kumplament tal-ispejjez ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut Philip Sultana.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------